Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1/2013

**David Borg Manche**

**Vs**

**Mary Barbara**

11 ta' Frar, 2019.

1. L-attur appella mid-digriet li l-Bord Li Jirregola l-Kera ta fit-3 ta' Lulju, 2018 u li bih laqa' t-talba tal-konvenuta u ordna li mill-provi jitnehhew il-provi li ressaq l-attur mis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2016. Digriet li nghata wara li fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2018 id-difensur tal-konvenuta talab li d-dokumenti u traskrizzjoni ta' xiehda li hemm a fol. 30 'il quddiem, *"jigu sfilzati ghax ir-rikorrenti kien iddikjara li ghalaq il-provi tieghu"*. Fid-digriet il-Bord qal:

   *"Illi r-rikorrent sa mis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013 iddikjara li m'ghandux aktar provi;*

   *U baqa' hekk isostni sas-seduta tat-28 ta' Jannar 2016;*

   *Fil-frattemp l-intimata bdiet bil-provi taghha u l-kawza kienet thalliet ghall-gheluq tal-provi tal-intimata;*

   *Illi ghalhekk fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2016, meta l-intimata ma kinitx assistita, **dan il-Bord gie sgwidat mit-talba tar-rikorrenti biex ikompli bil-provi tieghu**"*.

2. B'rikors prezentat fid-19 ta' Lulju, 2018 l-attur appella mid-digriet. L-aggravji huma:

   i. Il-Bord kien zbaljat meta qies li gie sgwidat mit-talba tal-attur tat-28 ta' Jannar, 2016 sabiex ikompli jressaq il-provi tieghu.
   ii. L-isfilz tal-provi ser ikunu ta' pregudizzju ghall-attur.

3. Il-qorti ma tistax taċċetta li r-rikorrent sgwida lill-Bord meta fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2016 talab li jkompli jressaq provi tieghu. F'dik is-seduta l-atti kienu quddiem il-Bord, u fis-seduta precedenti tad-19 ta' Novembru, 2015 kien diga' iddikjara li *'.... ghajr il-kontinwazzjoni tal-kontroezami tal-intimata m'ghandux iktar provi xi jressaq'*. Dan apparti li jekk il-kawza kienet ghadha fl-istadju tal-provi tar-rikorrent, ma kienx ser joqghod jitlob lill-qorti sabiex taghtih permess ikompli jressaq provi. Ghalhekk m'huwiex accettabbli li l-Bord ighid li gie sgwidat mir-rikorrent. Saħansitra fis-seduta ta' wara (10 ta' Marzu, 2016) kien prezenti d-difensur tal-intimata u m'oggezzjonax ghad-dokument li

pprezenta r-rikorrent u lanqas m'oggezzjona li r-rikorrent iressaq iktar provi. Hu fatt li l-attur ma tax raguni ghalfejn ghandu jerga' jinfetah l-istadju tal-provi tieghu. Madankollu r-realta' tibqa' li l-Bord laqa' t-talba tal-attur li kompla jressaq il-provi minghajr oggezzjoni min-naha tal-konvenuta. Sahansitra min-naha tal-konvenuta saru wkoll kontro-ezamijiet ta' xhieda li ressaq l-attur wara d-digriet tat-28 ta' Jannar, 2016. F'dan ir-rigward fis-seduta:

i. Tat-28 ta' Jannar 2016 xehed Philip Borg Manche;
ii. Tas-26 ta' Mejju 2016 xehed Peter Paul Zammit u sarulu domandi in kontro-ezami;
iii. Fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2016 xehed Oliver Magro u sarlu kontro-ezami;
iv. Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2017 xehedet Maria Borg Manche. L-oġġezzjoni tal-intimata għal din ix-xhud kienet biss minħahha li qalet li kienet preżenti fl-Awla fis-seduti preċedenti;
v. Fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2017 xehedet Leanne Mizzi;

4. Ir-rikorrent m'ghamel xejn bil-mohbi. Fil-fehma tal-qorti issa ghaliex il-konvenuta hi patrocinata minn avukat differenti, m'ghandux ikun li tithalla toggezzjona ghal xhieda li meta nstemghu ma saret l-ebda oggezzjoni ghalihom. Dan iktar u iktar meta tqies li l-provi nstemghu fil-perjodu bejn it-28 ta' Jannar 2016 u l-20 ta' Marzu, 2017 u kien biss fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2018 li saret it-talba.

5. Ovvjament irid jinzamm bilanc u ghalhekk il-konvenuta ghandha tinghata l-opportunita' li tressaq provi ohra, ghalkemm fis-seduta fit-2 ta' Lulju, 2015 iddikjarat li m'ghandhiex iktar provi. Dikjarazzjoni li saret mehud in konsiderazzjoni tal-provi li l-attur kien ressaq sa dakinhar.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell:**

**i. Thassar id-digriet tat-3 ta' Lulju, 2018 li nghata mill-Bord Li Jirregola l-Kera.**
**ii. Tichad it-talba maghmula mill-konvenuta fis-17 ta' Mejju, 2018 b'dan li l-Bord ghandu jaghti l-opportunita' lill-konvenuta li tressaq provi ohra u wkoll taghmel kontro-ezamijiet ta' Maria Borg Manche u Leanne Mizzi.**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuta.**

Anthony Ellul.